# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 13/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/02/'09** **242**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/02/'09** **295**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 26 ta' Frar 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Karl Gouder.

1.05 Kien hemm preżenti wkoll is-Sur Louis Padovani.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-20 ta' Frar 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport tax-Xogħolijiet

4. Budget / Business Plan Preparation
5. Ġnien Dun Anton Sciberras
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 12/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 12/K6/09.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss Item 4 ta' l-aġenda qabel Item 2 u 3.

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Budget / Business Plan Preparation**

3.01 Is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni ddettaljata ta' l-estimi għas-sena finanzjarja 2009 – 2010 (Ara Appendiċi 'A'). Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-fondi mill-MEPA għall-Urban Improvement Funds (UIF) għall-proġetti ta' l-Embellishment ta' Ġnien Saver Zarb - € 55,742.73 u tar-Restoration ta' Triq Sant'Elia - € 275,494.17 ma ġewx nklużi fid-dokument f'dan l-istadju iżda jekk ikun hemm il-bżonn dawn ser jiddaħħlu fid-dokument finali.

3.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fis-2.10pm.

3.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi jekk jibqa' xi bilanċ mis-sena finanzjarja 2008 / 2009 għajr dak li hemm fid-dokument u li ma jkunx marbut ma xi tip ta' commitment, dan jiġi allokat fuq repair and upkeep A/c no. 2311.

3.04 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom. Is-Sur Padovani ġie skużat fit-2.25 p.m.

3.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan.

3.06 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| Rif. Nru | Korrispondenza |
|---|---|
| 456 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Qala rigward il-Qala International Folk Festival. |
| 491 | Ittra mingħand il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport rigward il-magazine tal-Kunsill. |
| 507 | Ittra mingħad il-Parroċċa San Ġiljan rigward seminar organizzat mill-Għaqda Nisa Ġiljaniżi u l-Kummissjoni Familja tal-Parroċċa. |
| 764 | Ittra mingħand is-Sur Martin Sapiano għal Bay Street Tourist Complex rigward San Ġiljan Day at Bay Street. |
| 786 | Ittra mingħand l-MP&DC rigward il-kuntratt ta' *Upkeep and Maintenance of Access Roads of Access only and Pedestrian Street* . |
| 808 | Ittra mingħand it-TcTc rigward l-użu tal-WOW Hall. |
| 811&812 | Ittra mingħand is-Sur Liam Mangion rigward 'W*heels of Excellence'* |

### Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-

Rif. Nru. 456

2.02 B'riferenza għall-Qala International Folk Festival ġie deċiż unanimament illi għar-raba' sena konsekuttiva l-Kunsill jospitahom għal waħda mis-serati li ser tittella' f'San Ġiljan.

Din ser tikkonsisti billi l-gruppi barranin flimkien mal-Menħir Qala Folk Group jagħtu esebizzjoni ta' żfin u kant folkloristiku f'Xatt is-Sajjieda. Ġie deċiż unanimament li bħas-snin li għaddew jingħataw bibita u snack. Il-Kunsill tal-Qala ser jiġi mitlub jikkonferma d-data.

Rif. Nru. 507

2.03 Ġie deċiż unanimament illi bħala servizz lill-komunita' is-Seminar li ser isir mill-Għaqda Nisa Ġiljaniżi, '***Insaħħu ż-żwieġ u l-familji,***' isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u jingħataw l-ammont ta' €233 biex ikopru parti mill-ispejjeż involuti.

Rif. Nru. 764

2.04 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Martin Sapiano rigward il-possibilta' li ssir *xi attivita'* fil-Kumpless ta' Bay Street, ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa mas-Sur Sapiano sabiex tiġi diskussa aktar fid-dettal din l-attivita'. Il-Kunsilliera għandhom jiġu nfurmati b'din il-laqgħa sabiex min irid jattendi.

Rif. Nru. 786

2.05 Saret riferenza għall-Minuti 12/K6/09, taqsima 9 paragrafi 9.04 – 9.05, u għar-rakkomandazzjoni tal-Perit Stephen Farrugia rigward it-talba li saret mill-kuntrattur, is-Sur Ludwig Dimech (Dimbros Ltd), għar reviżjoni tar-rati tat-'***Tender for the Upkeep and Maintenance of 'Access Roads' and 'Access Only and Pedestrian Streets'*** .

2.06 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ l-Kunsill jitlob dikjarazzjoni mingħand il-Perit Stephen Farrugia biex jikkonferma li l-prezzijiet ta' l-items imniżżla mid-Dimbros Ltd huma rejali u li ż-żieda fil-prezzijiet iddikjarati minnu (Dimros Ltd) huma għal perjodu mid-data tat-tender sa llum;

- ✓ din it-talba tinżamm 'on hold'.

- ✓ Issir laqgħa mal-Perit Stephen Farrugia dwar din il-materja nhar il-Ħamis 5 ta' Frar 2009 fis-2.00pm.

Rif. Nru. 808

2.07 Saret riferenza għall-email tas-Sur Ray Abela, TcTc Ltd, rigward l-użu tal-WOW Hall biex jingħataw il-korsijiet tal-kompjuter. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi Fr. Hilary jingħata l-ammont ta' €116 biex ikopru parti mill-ispejjeż involuti.

Rif. Nru. 811

2.08 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Liam Mangion dwar talba biex titpoġġa 'Wheels of Excellence' fil-Ġnien Spinola. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li din issir għall-ħames (5) snin dment li:-

- ✓ ma jinħoloqx inkonvenjent lir-residenti
- ✓ jkollu l-permessi l-oħra kollha meħtieġa
- ✓ il-post jinżamm nadif il-ħin kollu
- ✓ ma ssir l-ebda ħsara fil-post, u jekk isir jinżamm responsabbli li t-tiswija issir minnu u għall-ispejjeż tiegħu.

**3 Rapport tax-Xogħolijiet**

3.01 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2008/2009 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2009/2010 (Ara Appendidi 'B').

3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-rapport tax-xogħolijiet.

3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Ġnien Dun Anton Sciberras**

5.01 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill illi l-kuntrattur li ntażgħel biex imexxi il-kumpless Dun Anton Sciberras talab li l-ammont dovut lill-Kunsill inkluż l-ammont tal-kera jitħallas f'darbtejn fis-sena.

5.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2593 sa 2603 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2593 sa 2603.

7.03 l-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Iċ- Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu 2009, fil-11.00am, ser issir laqgħa ma' l-Onorevoli Mario Galea, Segretarju Parlamentari għall-Anzjani

u Kura fil-Komunita', rigward żvilupp ta' dar għall-anzjani. Din il-laqgħa ser issir fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

8.02 Saret riferenza għall-attivita' Mediterranean Feast (Lampuki Fest) li l-Kunsill għandu l-ħsieb li japplika għal fondi mill-EU. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li minn informazzjoni li tat is-Sinjorina Maria Schembri (MEUSAC) verbalment il-pass li jmiss huwa li l-Kunsill isib minimu ta' erba' (4) min-nies ta' bejn it-tmintax u tletin sena (18 – 30) biex ikunu l-koordinatturi għal din l-attivita'. Meta l-Kunsill ikollu dawn l-erba' żgħażagħ għandha tiġi nfurmata Ms Schembri biex il-Kunsill ikompli jiġi ggwidat. Il-Kunsill ġie mfakkar li għandu sa Marzu / April 2009 biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-benefiċċju tal-fondi li jammontaw sa massimu ta' €10,000.

8.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi l-Viċi Sindku Karl Gouder u s-sinjuri Clyde Bonello, Silvio Dalli u Joseph Dalli jkunu l-ko-ordinaturi għal din l-attivita'.

8.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li nġabru l-kwotazzjonijiet għal photocopier u printers u li qed isir l-evalwazzjoni tagħhom. Ġie deċiż unanimament illi s-Segretarju Eżekuttiv tagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża u li jsir il-'maintenance agreement'.

8.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera sabiex jippreparaw l-artikli tagħhom għall-magazine u jgħadduh lill-amministrazzjoni.

8.06 It-Tlieta 10 ta' Marzu ser issir il-laqgħat tal-lokalita' ta' San Ġiljan u l-Ħamis 12 ta' Marzu 2009 fis-6.00pm ser issir il-laqgħat ta' Paceville Hamlet. Dawn il-laqgħat ser isiru fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

8.07 Ġie deċiż unanimament li s-Sur Victor Cachia jitħallas tax-xahar kollu ta' Frar 2009 u li l-ħin nieqes jiġi kkompensat matul is-sena.

8.08 Il-Kunsillier Richard Scicluna ġie skużat fl-4.25pm.

8.09 Għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tan-Northern Cleaning peress li l-iskips fl-inħawi ta' Ta' Ġiorni kollha maħmuġin u għandhom il-molla mkissra.

8.10 Il-laqgħa ntemmet fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |